FEJN ĦRABT?

JOE ELLUL

Fejn ħrabt ja żmien bla ħin għalija?
Qiegħed f'xi rokna mħabbel m'għanqbut ħsiebi?
Sikwit ngħarrixlek, nara nilmaħx dellek
tal-waqtiet sbieħ niġġerra 'l boġhod ma' ħbiebi.

Sajmin mill-frugħa tat-tlellix ċekċieki,
nimirħu ħielsa fil-widien tar-Raħal,
nixxabbtu w nilħġu biex narċiża naqtgħu,
je' nsoffu l-għasel mix-xehdiet tan-naħal.

Arani, liebes qmis tan-newl lenkieni,
roqgħa fuq roqgħa - lewn dublett nannieti -
u b'qorq imqatta' marbut b'qafla m'għonqi
u b'qafl'oħra meħmuż xifer qalzieti.

Ġo borża, ġemba ħobż u ġbejna t'Għawdex,
- tagħmilhom ommi mill-ħalib u x-xorrox! -
u bott bi spaga, li bih nimlew l-ilma,.....
slaten ħenjin f'saltna mimlija b'kollox!

Il-qbiż u l-ġiri, qisni tewmi t'erħa'
fejn mort? Illum l-artrite għattbitni,
biex nagħmel pass jeħtieġli ħatar jgħinni,
żewġ tarġiet oħra u d-dud biss jiritni!

Nixtiequ ż-żmien bla ħin li ħarab...
Imma li xjeħt ma nħoss la hemm la dieqa,
neħja nara farfett jew tnejn jiżżaġħblu,
bħal karti mżewqa jtiru qrib it-tieqa.

Mortu waqtiet sajfin, imma le mittu,
ghax is-sebghin l' ghandi jghibu, insir sabi...
i jirxuxtaw ma' l-irxuxtar tal-MUŻA,
nerġa' niġri u naqbeż fil-widien ma' shabi!!!

16.8.89

IL-KUMITAT TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR 1997

Presidenti Onorarji:	Sur Ġużè Cassar Pullicino
	Sur Rafel Bonnici Calì
	Dr. V.M.Pellegrini
Viċi President Onorarju:	Sur Ġużi Buontempo
President:	Sur Guido Lanfranco
Viċi President:	Sin'a Maria Pisani
Segretarju:	Sur Alfred Fenech
Assistent Segretarju:	Sur Angelo Dougall
Teżorier:	Sur J.F.Porsella-Flores
Assistent Teżorier:	Sur Joseph Fenech
Membri:	Sur Frans Farrugia
	Sur Lewis Fenech
	Sur Charles Seychell
Editur:	Sur Guido Lanfranco
Awditur 1998:	Sur Alfred Mallia